# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 60/2008

## ta' l-24 ta' Jannar 2008

## li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 327/98 f'dak li jirrigwarda t-tqassim f'subperjodi għas-sena 2008 ta' kwota tariffarja ta' l-importazzjoni għar-ross miṫun u nofs miṫun.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-FĠKT (GATT) XXIV.6 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1785/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fir-ross [2], u partikolarment l-Artikolu 13(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 327/98 ta' fl-10 ta' Frar 1998 li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur [3] jipprovdi li l-kwoti tariffarji msemmija fl-Artikolu 1 tiegħu għandhom jinqasmu f'subperjodi biex l-importazzjonijiet tar-ross jitqassmu matul is-sena kollha.

(2) Minħabba taqtib li seħħ fl-2006 u l-2007 fil-fluss ta' l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' ross li joriġina mill-Istati Uniti ta' l-Amerika, b'riżultat tad-dehra fis-suq Amerikan ta' ross ikkontaminat b'ross ġenetikament modifikat, imsejjaħ "LL RICE 601", il-kwota ta' 38 721 tunnellata ross miṫun jew nofs miṫun li joriġina f'dak il-pajjiż, parti mill-kwota komprensiva ta' l-importazzjoni ta' 63 000 tunnellata ross miṫun jew nofs miṫun ipprovduta bir-Regolament (KE) Nru 327/98, ma setgħetx tiġi utilizzata għal kollox fl-2007 għall-importazzjonijiet ta' ross li joriġina mill-Istati Uniti ta' l-Amerika.

(3) Minħabba li l-Istati Uniti ta' l-Amerika huwa fornitur tradizzjonali ta' ross għall-Komunità, jeħtieġ li, fl-iqsar żmien possibbli, il-fluss normali ta' l-importazzjoni tar-ross minn dak il-pajjiż jitħalla jirkupra. Għal dan il-għan, jeħtieġ li għas-sena 2008 jinbidel it-tqassim f'subperjodi tal-kwota tariffarja ta' l-importazzjoni komprensiva għar-ross miṫun u nofs miṫun ta' 63 000 tunnellata, permezz tal-proviżjoni ta' subperjodu supplimentari fix-xahar ta' Frar għall-kwota tar-ross li joriġina mill-Istati Uniti ta' l-Amerika, u fi ħdan din il-kwota, jeħtieġ li tiġi ttrasferita, mis-subperjodi ta' April u Lulju 2008 għal dak ta' Frar 2008, kwantità suffiċjenti biex jintlaħaq l-għan imsemmi hawn fuq, madankollu mingħajr taqlib la għas-suq Komunitarju u lanqas għall-importazzjonijiet minn pajjiżi ta' oriġini differenti, u dan fil-limitu tal-kwantità totali annwali ta' 38 721 tunnellata pprovduti għal din il-kwota.

(4) Minħabba t-taqlib imsemmi fl-importazzjoni, ġara li xi liċenzji ta' l-importazzjoni ma setgħux jintużaw fl-2007. Għaldaqstant jidher li ma jkunx f'loku li ma jitħallewx jintużaw fl-2008.

(5) Jeħtieġ għalhekk li jkun hemm deroga mir-Regolament (KE) Nru 327/98 għas-sena 2008.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament jikkonformaw ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ġestjoni taċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Għas-sena 2008, il-kwantità ta' 38 721 tunnellata ross miṫun jew nofs miṫun tal-kodiċi tan-NM 1006 30, koperta bil-kwota tħat in-numru tas-serje 09.4127, li toriġina mill-Istati Uniti ta' l-Amerika u li tidher fil-punt a) ta' l-Anness IX għa-Regolament (KE) Nru 327/98, għandha titqassam skond l-Anness għal dan ir-Regolament.

2. Il-liċenzji ta' l-esportazzjoni msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 327/98 maħruġa fl-2007 mill-pajjiżi terzi msemija fl-Artikolu msemmi, jistgħu jintużaw għall-applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni mressqa għas-sena tal-kwota 2008.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 146, 20.6.1996, p. 1.
[2] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 96. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 797/2006 (ĠU L 144, 31.5.2006, p. 1).
[3] ĠU L 37, 11.2.1998, p. 5. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1538/2007 (ĠU L 337, 21.12.2007, p. 49).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Jannar 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

---

*ANNESS*

Tqassim f'subperjodi, għall-2008, tal-kwota tariffarja ta' 63 000 tunnellata ross mitħun jew nofs mitħun provduta bl-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 327/98:

| Pajjiż ta' oriġini | Kwantità f'tunnellati | Numru tas-serje | Subperjodi (kwantitajiet f'tunnellati) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Jannar | Frar | April | Lulju | Settembru | Ottubru |
| L-Istati Uniti ta' l-Amerika | 38 721 | 09.4127 | 9 681 | 13 813 | 10 151 | 5 076 | — | |
| It-Tajlandja | 21 455 | 09.4128 | 10 727 | | 5 364 | 5 364 | — | |
| L-Awstralja | 1 019 | 09.4129 | 0 | | 1 019 | — | — | |
| Joriġinaw minn xi pajjiż ieħor | 1 805 | 09.4130 | 0 | | 1 805 | — | — | |
| Il-pajjiżi kollha | | 09.4138 | | | | | | (1) |
| Total | 63 000 | — | 20 408 | 13 813 | 18 339 | 10 440 | — | |

(1) Il-bilanċ ta' kwantitajiet li ma ntużawx fis-subperjodi preċedenti, pubblikati b'Regolament tal-Kummissjoni.
Il-kwantitajiet mibdula għall-2008 ma jirrigwardawx ħlief l-oriġini mill-Istati Uniti ta' l-Amerika u t-totali skond is-subperjodi.